MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Numru. 411/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Dominic Camilleri**

**Illum, 17 ta' Frar 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Dominic Camilleri, ta' 27 sena, iben Carmelo u Maria Dolores nee` Grech, imwieled Pieta` fid-9 ta' Settembru 1981 u residenti fil-fond numru 104, Vincenzo Bugeja Street, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 514881(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Jannar 2004 u matul l-ahhar erba' xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, gewwa San Giljan u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:-

a) Biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy), konsistenti, s-sustanza methlenedioxyamphetamine li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b) Ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkustanzi, kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

d) Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u l-Ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta, milli terga’ tisma l-provi mressqa f’din il-kawza sa dakinhar.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeciedi din il-Qorti tirrigwarda l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rrilaxxjati mill-imputat.

Fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2011, id-difiza rrizervat id-dritt illi tirregola l-posizzjoni taghha fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat u dan fis-seduta ta’ wara. Fis-seduta sussegwenti tat-2 ta’ Mejju 2012, ma gara xejn minn dan u d-difiza ddikjarat illi m’ghandhiex provi xi tressaq.

Fis-seduta tad-19 ta' April 2013, il-Qorti semghet trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni favur l-ammissibilita` tal-istqarrijiet mertu tal-kaz odjern. Fin-nota ta' sottomissjonijiet intavolata minnha dwar dan il-punt fid-29 ta' Mejju 2013, id-difiza ssostni illi l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat ghandhom ikunu sfilzati u skartati minn din il-Qorti u dan a bazi tas-sentenzi **Il-Pulizija vs Alvin Privitera**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011 u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi**, deciza mill-istess Qorti fit-12 ta' April 2011. Id-difiza rreferiet ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012. Skond id-difiza, ir-ragunijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'din l-ahhar sentenza, ghaliex halliet l-istqarrija mertu tal-kaz fl-atti ta' dawk il-proceduri, huma totalment differenti minn dawk rizultanti fil-kaz odjern. F'dan il-kaz, l-imputat irrilaxxja l-istqarrija, meta huwa kellu 27 sena [fil-fatt kellu 22 sena] u ma kellu l-ebda esperjenza ta' prigunerija u ta' interrogazzjoni, u ghalhekk, skond id-difiza, ghandu japplika fil-konfront tal-istess imputat, l-insenjament ta' dak deciz fil-kawzi ta' Privitera u Lombardi.

Fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, il-Prosekuzzjoni regghet ghamlet trattazzjoni u dan b'referenza ghall-Artikolu 658 tal-Kap. 9, fis-sens illi l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat kienu volontarji u ma gewx mehudha b'theddid jew intimidazzjoni. Il-Prosekuzzjoni hawnhekk ghamlet referenza u esebiet is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Avukat Generali** fl-1 ta' Lulju 2013, li madankollu m'ghandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-kwistjoni li trid tigi deciza minn din il-Qorti. Id-difiza da parti taghha rribadiet il-punti sollevati minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta car mill-provi appena esposti illi l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jistriehu interament fuq l-istqarrijiet rilaxxjati minnu fit-13 ta' Frar 2004 u fl-24 ta' Frar 2004 rispettivament.

Mhuwiex ikkontestat illi fil-jiem li fihom ttiehdu l-istqarrijiet tal-imputat, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju li gew moghtija wara li nghataw is-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lomardi** mill-Qorti Kostituzzjonali, li ghalihom taghmel referenza d-difiza *inter alia* is-segwenti - **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013 u **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013.

Fil-kaz odjern, meta ttiehdu l-istqarrijiet tieghu, l-imputat kellu 22 sena u ma jidhirx illi sa dakinhar kien skonta xi sentenza ta' prigunerija u lanqas ma jidher illi kien gie interrogat jew investigat mill-pulizija qabel il-kaz in dizamina, u dan kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu (a fol. 4 tal-process). Fil-fatt ghalkemm minn din il-fedina penali, jirrizulta illi l-imputat kien instab hati ta' pussess semplici ta' droga, ir-reati li dwarhom kien instab hati, jirreferu ghal-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Dicembru 2004 u ghalhekk ghal zmien wara li allegatament sehhew ir-reati mertu ta' dan il-kaz.

L-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrijiet rilaxxjati minnu u ma allegax illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq

biex ghamel dawn l-istqarrijiet jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamel l-istess stqarrijiet. Il-presenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li dan fil-fatt sehh fil-kaz tieghu. Minkejja n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat, ghalhekk, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrijiet tal-imputat. L-imputat kien ukoll inghata l-jedd illi jibqa' sieket, fis-sens illi kiene inghata s-solitu twissija, qabel ma rrilaxja l-istqarrijiet tieghu, ossia illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jinghad jista' jingieb bhala prova. Irid jinghad ukoll illi fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2010, id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar il-volontarjeta` tal-istqarrijiet tal-imputat.

L-imputat ma kienx minuri fiz-zmien li ttiehdulu l-istqarrijiet in kwistjoni u lanqas kien ghadu kif kiseb il-maggior eta`, izda kellu 22 sena. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm l-imputat ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogazzjoni qabel dakinhar li rrilaxxja l-istqarrijiet tieghu, huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilita` biex dawn jigu meqjusa bhala inammissibbli.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alexei Zerafa</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, fejn l-appellat f'dak il-kaz kellu 23 sena, kellu fedina penali netta meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu u wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kienet tirrizulta biss mill-istqarrija rilaxxjata minnu. F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"*Filwaqt illi m'hemmx dubju illi l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet mingħajr tali assistenza stante li l-liġi relattiva ma kinitx in vigore, jirriżulta illi l-appellat kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket. Fl-istqarrija nsibu din id-dikjarazzjoni li l-appellat iffirma għaliha bħalma ffirma għall-istqarrija sħiħa tiegħu: "M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova." Huwa minnu wkoll li ma jirriżultax li l-appellat kellu esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-*

*Pulizija qabel dan – difatti l-fedina penali hija netta – iżda ma jirriżultawx ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita`. Imbagħad l-għażla li jwieġeb jew ma jweġibx l-appellat seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamilha b'liberta` sħiħa. Difatti ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tiegħu ma ġietx magħmula minnu volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali). Konsegwentement f'dan il-każ, stante li ċ-ċirkostanzi kollha juru illi l-istqarrija kienet waħda volontarja, tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli.*"

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Debbie Antoinette Vella**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2013, fejn l-appellata wkoll ma kellha l-ebda esperjenza precedenti ta' interrogazzjoni, u fejn il-provi rizultanti kontra taghha kienu jistriehu nterament fuq l-istqarrija rilaxxjata minnha, inghad hekk:

"*Fil-każ in eżami, kif diġa` osservat, l-appellata kienet mgħarrfa bil-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-uffiċjal investigatur. Ma jirriżultax li kellha esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, iżda l-għażla li twieġeb jew ma tweġibx setgħet tagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamlitha b'liberta` sħiħa. Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' l-*

*appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli.*"

Mhux biss izda f'dan il-kaz, it-tieni stqarrija tal-imputat ittiehdet hdax-il jum wara li huwa rrilaxxja l-ewwel stqarrija u ghalhekk l-imputat, minkejja li qabel it-tehid tal-ewwel stqarrija ma kienx inghata l-opportunita` illi jiehu parir legali, zgur illi qabel it-tehid tat-tieni stqarrija, huwa kellu kull opportunita` illi jikkonsulta ma' avukut ta' fiducja tieghu. L-imputat kellu bizzejjed zmien sabiex jahseb fuq dak li kellu jghid lill-Ufficjal Investigatur u jiehu parir fuq l-istess. Fit-tieni stqarrija, madankollu, l-imputat mhux talli ma jikkontradixxix l-ewwel stqarrija moghtija minnu, jew jittenta jiehu lura dak li kien qal fl-ewwel stqarrija jew forsi jaghti spjegazzjoni alternattiva, talli jkompli jaghti izjed informazzjoni u anke jindika xi persuni li lilhom kien ibiegh id-droga.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrijiet tal-imputat bhala prova valida u ammissibbli f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2009, xehed **l-Ispettur Josric Mifsud**[1], li spjega kif minn investigazzjoni li kienet qeghda taghmel il-pulizija dwar traffikar ta' droga u minn informazzjoni miksuba waqt din l-investigazzjoni, il-pulizija dahlu gewwa appartament fil-Marsa, minn fejn gew arrestati madwar seba' persuni, u fosthom l-imputat. Fl-appartament instabet xi droga, liema droga madankollu rrizulta li ma kinitx tal-imputat. Huwa kien interroga lill-imputat, wara informazzjoni li dan kien jipprovdi d-droga *ecstasy* u waqt l-istqarrija tieghu, l-istess imputat kien ammetta li kien qed ibiegh xi ammonti ta' *ecstasy.*

[1] A fol. 17 u 18 tal-process.

L-istess **Spettur Josric Mifsud** xehed ukoll fis-seduta tat-22 ta' Frar 2010[2], li rega' rrefera ghall-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fit-13 ta' Frar 2004 u fl-24 ta' Frar 2004 rispettivament.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-13 ta' Frar 2004[3], mistoqsi jekk kienx jaf ghaliex gie arrestat, l-imputat wiegeb "*Iva minhabba li kont nittraffika id-droga Ecstasy*". Huwa qal illi kien ilu juza l-*ecstasy* madwar sena, imma kien ilu jbieghha sentejn u nofs. Qal ukoll illi "*Sa ftit zmien ilu kont inbiegh l anqas ghaxar pilloli, imma dan l-ahhar kont inzilt ghal hamsa*. *Mistoqsi kemm kien l-akbar ammonti li kont nbiegh nghid li madwar mitt Ecstasy*." Huwa qal illi matul il-gimgha ma tantx kien ibiegh, izda fil-*weekends* mhux dejjem l-istess, erbghin sa mija. Mistoqsi meta kien l-ahhar li biegh l-*ecstasy*, l-imputat wiegeb "*Kont il-Brass Monkey qisu xi xahar ilu*". Qal illi huwa kien naqqas fil-bejgh tal-*ecstasy* ghaliex xi hadd kien seraqlu elf u seba' mitt Lira u li dawn il-flus, huwa kien qed ifaddalhom sabiex jixtri izjed pilloli. Huwa kien ibiegh l-*ecstasy* gewwa Brass Monkey, Red Square u f'xi *parties* mizmuma gewwa Liquid, Tattingers u Gianpula u meta gie mistoqsi lil min kien ibiegh, huwa qal illi huwa ma jafx lill-klijenti tieghu kollha. Huwa kien jixtri pillola bi tlett Liri il-wahda u jbieghha b'hames Liri, izda lil min kien jixtri bil-kwantita`, huwa kien ibieghlu bil-prezz ta' erba' liri. Biex ibiegh bil-prezz ta' erba' liri l-wahda, ix-xerrej kellu jixtri mhux inqas minn hamsin pillola. L-imputat qal illi lanqas ammont li xtara minghand il-fornitur tieghu kien ta' ghoxrin pillola.

Mistoqsi minghand min kien jixtri haxixa, huwa ndika l-post minn fejn kien jixtriha u mistoqsi jekk kienx jiehu droga ohra apparti l-*ecstasy* u l-*cannabis*, huwa qal illi qatt ma ha xejn izjed hlief *ecstasy* u *cannabis.* Mistoqsi meta kienet l-ahhar darba li pejjep il-haxixa, huwa rrefera ghal jum ta' qabel, u qal li dan ghamlu gewwa l-appartament tal-Marsa. Qal li pejjpu l-pipa kif hadu xi *joints* u mistoqsi jghid ta' min kienet il-haxixa li kien hemm fil-*flat*, huwa qal li ma jafx ta' min kienet.

---

[2] A fol. 22 sa 24 tal-process.
[3] A fol. 6 sa 8 tal-process.

Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu fl-24 ta' Frar 2004[4], mistoqsi kemm il-darba xtara *ecstasy* minghand persuna partikolari, l-imputat qal *inter alia* illi huwa dejjem xtara minghandu u li ilu jixtri minghandu. Huwa spjega kif kien jaghmel biex jinqeda ghad-droga u ta deskrizzjoni tal-persuna li kien jixtri minghandha. Mistoqsi ismijiet ta' nies li jixtru l-*ecstasy* minghandu, huwa semma lil xi persuni u fil-konfront ta' persuna partikolari, huwa ndika li din xtrat hamsa jew ghaxra u li l-ahhar li xtrat minghandu kien din is-sena ghal xi *weekend*. Mistoqsi x'tip ta' *ecstasy* kien ibieghilha huwa ndika d-*Dexters.*

**Ikkunsidrat:**

Kif inghad izjed il'fuq, ma ngabet l-ebda prova ohra da parti tal-Prosekuzzjoni apparti l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat. Fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu, madankollu, l-imputat jammetti mhux biss illi kien ilu jabbuza mid-droga *ecstasy* ghal madwar sena, izda illi kienu ilu jbieghha sentejn u nofs. Huwa pprovda d-dettalji ta' kif kien jixtri minghand il-fornitur tieghu, tal-postijiet fejn kien ibiegh id-droga u tal-prezzijiet li bihom kien jixtri u jbiegh l-istess droga, l-ammonti ta' *ecstasy* li kien ibiegh u anke indika n-nies li lilhom kien ibieghha. Hija regola kardinali tal-process kriminali illi l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu (Artikolu 658 tal-Kap. 9). Kif inghad izjed il'fuq, din id-dikjarazzjoni giet moghtija mill-imputat volontarjament u legalment ai termini tal-imsemmi artikolu u kwindi ghandha tittiehed bhala ammissjoni da parti tieghu, kemm ghall-ewwel kif ukoll ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontrih. Kif inghad l-imputat jiddeskrivi fid-dettal dak kollu li kien jaghmel, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat kien fil-fatt jittraffika d-droga *ecstasy*.

[4] A fol. 9 sa 10a tal-process.

In oltre irid jinghad ukoll illi ghalkemm ma giet esebita l-ebda droga fil-mori ta' dawn il-proceduri – ghaliex fil-fatt ma nstabitx droga *ecstasy* fuq l-imputat meta huwa gie arrestat – f'dan ir-rigward, din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O'Neil**, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun ikun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l-"ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga. Fil-każ in eżami din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha b'xi mod tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, konklużjoni bbażata esklussivament fuq iż-żewġ stqarrijiet tal-appellanti.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace**. Din il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' dan, hlief illi f'dan il-kaz l-imputat ammetta

mhux biss illi kien jittraffika d-droga *ecstasy*, izda kien anke jabbuza mill-istess droga, liema droga – kemm dik li kien jabbuza minnha kif ukoll dik li kien jittraffika – kien jixtriha minghand l-istess persuna. Hawnhekk si tratta ghalhekk ta' droga li kienet tigi kkunsmata wkoll mill-imputat u l-Qorti ghalhekk hija moralment konvinta illi l-imputat kien qieghed verament ibiegh id-droga *ecstasy.*

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi.

In vista tal-kunsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia l-fatt illi huwa kien ibiegh id-droga *ecstasy* lil terzi persuni, il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi anke t-tieni imputazzjoni giet ippruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi. In oltre stante illi l-imputat ammetta wkoll illi huwa kien ilu jabbuza mid-droga *ecstasy* ghal madwar sena, ghaldaqstant l-imputat qed jinstab hati wkoll tat-tielet imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, madankollu, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-imputazzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-13 ta' Frar 2004, l-imputat jammetti li apparti l-*ecstasy,* huwa kien jiehu l-*cannabis* u jghid li fil-jum ta' qabel ha xi *joints* ma' shabu. Fil-mistoqsijiet tieghu, l-Ufficjal Investigatur jirreferi ghall-haxixa u l-imputat jirrispondi b'referenza ghal dawn id-domandi, minghajr ma jispecifika x'kien qed ipejjep u dan anke ghaliex ma saritlu l-ebda domanda specifika dwar dan mill-Ufficjal Prosekutur.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Debbie Antoinette Vella**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2013, il-Qorti lliberat lill-appellata mill-imputazzjoni ta' pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-

Ligijiet ta' Malta. F'dak il-kaz, matul l-interrogazzjoni taghha, l-appellata giet mistoqsija jekk kinitx ippruvat drogi ohrajn bhal *ecstasy* jew *cannabis*, ghal liema domanda hija wiegbet illi kienet pejpet il-*cannabis* u rreferiet ghaz-zmien meta kienet pejpet *joint* l-ahhar. Il-Qorti nnutat illi fil-waqt illi l-appellata kienet qeghda tirreferi biss ghal *cannabis* minghajr ma tiddistingwi bejn ir-raza u l-pjanta, l-ufficjal investigatur kien irrefera ghal *cannabis resin joint* fid-domanda tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, f'dak il-kaz, il-korrettezza kienet tiddetta illi tigi mistoqsija x'tip ta' *joint* kienet pejpet, jekk hux tar-raza jew tal-weraq. Il-Qorti rrilevat illi "*Huwa minnu illi ghal dik il-mistoqsija hija xorta wiegbet u wiegbet fis-sens biss illi kienet akkwistat il-joint minghand habib … Izda jibqa' dubju jekk kinitx taf x'tip ta' joint kienet pejpet, galadarba l-ligi taghmel distinzjoni bejn ir-raza u l-pjanta.*"

Issa kif diga` inghad, bhal fil-kaz citat, l-imputat isemmi l-*cannabis* u l-*joints* minghajr ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn ir-raza u l-pjanta. Kien biss l-Ufficjal Investigatur li rrefera specifikatament ghall-haxixa fil-mistoqsijiet tieghu u ghalkemm ghad-domanda tal-Ufficjal Investigatur dwar meta kien l-ahhar li huwa pejjep il-haxixa, l-imputat irrisponda fis-sens illi huwa kien pejjep fil-jum ta' qabel u li kien ha xi *joints* ma' shabu, u mistoqsi wkoll ta' min kienet il-haxixa, huwa wiegeb illi ma kienx jaf ta' min kienet, jibqa' dubju x'kienet ezattament din il-*cannabis* jew il-*joints* li kien abbuza minnhom l-imputat u jekk il-*joints* li kien pejjep kinux tar-raza, skond ir-raba' imputazzjoni, jew tal-weraq. L-Ufficjal Investigatur fl-ebda mument ma staqsa lill-imputat x'tip ta' *joints* kien pejjep jew x'kienet il-*cannabis* li kien jixtri. In ogni caso, anke tenut kont tar-referenza li jaghmel l-Ufficjal Investigatur ghall-'haxixa', irid jinghad illi din il-kelma ta' sikwit tintuza b'referenza ghal pjanta tal-*cannabis* jew ghall-*marijuana* li fil-Collins English Dictionary[5] hija mfissra bhala "*the dried leaves and flowers of the hemp plant, used for its euphoric effects, esp in cigarettes*" u mhux ghar-raza tal-pjanta *cannabis.* F'dan il-kaz, il-Qorti ma tistax tasal ghal konvinciment morali illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu u

[5] Collins English Dictionary, Sixth Edition (2006).

abbuza mir-raza tal-*cannabis* (u mhux mill-pjanta tal-*cannabis*) u ghalhekk la darba l-ligi taghmel distinzjoni cara bejn ir-raza u l-pjanta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, madankollu huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrijiet rilaxxjati minnu.

Qieset ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara, kemm fis-seduta tas-17 ta' Dicembru 2008, kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu tat-22 ta' Frar 2010, illi l-imputat ghandu jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 jew l-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 li jirrendi applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 ghal kaz ta' traffikar u bejgh ta' droga regolata taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti sejra ghalhekk tnaqqas il-piena ta' prigunerija applikabbli bi grad u l-piena pekunjarja b'terz.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali kienet netta meta gew kommessi r-reati odjerni.  Madankollu l-Qorti ma tistax ma tinnutax illi fil-21 ta' Marzu 2006, l-imputat instab hati talli ftit xhur biss wara l-interrogazzjoni tieghu in konnessjoni ma' dan il-kaz – ossia fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Dicembru 2004 u fis-sitt xhur ta' qabel – huwa kellu fil-pussess tieghu d-droga *ecstasy* u r-raza tal-*cannabis.* Ghaldaqstant huwa ferm evidenti illi l-imputat baqa' ma tghallimx mill-esperjenza li kien ghadda minnha ftit tax-xhur qabel u kompla jxellef diffrejh mal-gustizzja.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi ghalkemm l-imputat jghid illi kien ilu jbiegh l-*ecstasy* ghal madwar sentejn u nofs u minkejja li jidher mill-istqarrija tieghu, illi huwa kien ibiegh mhux pillola jew tnejn, izda kwantita` konsiderevoli ta' pilloli *ecstasy*, madankollu l-imputazzjonijiet huma limitati biss ghax-xahar ta' Jannar 2004 u matul l-ahhar erba' xhur ta' qabel din id-data.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-tielet imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni u dan stante illi din serviet bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni u bl-istess mod, it-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u dan state li din serviet bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ossia bejgh ta' droga *ecstasy*. Ghaldaqstant, ser tigi inflitta piena biss fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii) u 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, l-Avviz Legali 22/1985, kif ukoll l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17 u 18 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (d) migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, fil-waqt illi ssibu hati tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) u tikkundannah ghal **piena ta' tmintax-il xahar prigunerija effettiva** u ghal **piena ta' multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Stante illi ma gew mahtura l-ebda esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------